MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 1162/2014

**Rita Borg u zewgha Anthony Borg ghal kull interess li jista' ikollu**

**vs**

**Francis Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' l-imsemmija Rita Borg u zewgha Anthony Borg ghal kull interess li jista' ikollu datat 19 ta' Dicembru 2014 fejn Rita Borg detentrici tal-karta tal-identita` nru: 358160M tikkonferma li hija taf is-segwenti fatti personalment: -

Illi hija tippossjedi bicca art/raba' maghrufa bhala tal-Ponta, li tinsab bejn Ta' Hmis u Ta' Ras il-Wied, fil-konfini tal-Gudja, kif delineata bil-blu fuq il-pjanta annessa u markata Dok A.

Illi fil-gimghat li ghaddew, u precizament fl-ahhar gimgha ta' Novembru 2014, l-intimat qabad u pposseda, minghajr awtorizazzjoni tar-rikorrenti, l-istess raba' billi harat u zera l-istess raba', u b'hekk ikkometta fil-konfront tar-rikorrenti spoll klandestin u vjolenti.

Illi immedjatament, ir-rikorrenti rrapportat l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun (DDK B) u difatti l-Pulizija hadu l-istess rapport maghmul izda kklasifikaw il-materja bhala wahda ta' natura civili.

Illi dan l-agir ta' l-intimat kif hawn fuq spjegat huwa illegal, abbuziv u jikkostitwixxi spoll vjolenti klandestin, illecitu u ricenti ghad-dannu tar-rikorrenti *ai termini* ta' l-Artikolu 535 *et seq* tal-Kodici Civili, u konsegwentament ghalhekk kellha ssir din l-odjerna procedura skont il-ligi.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, qieghda bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1 Tiddikjara illi l-agir tal-intimat kif hawn fuq spjegat jikkostitwixxi spoll klandestin ghad-dannu tar-rikorrenti *ai termini* ta' l-Artikolu 535 et seq tal-Kodici Civili;

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti huwa jerga' jirrientegra lir-rikorrenti fil-pussess pjen tal-bicca art indikata u mmarkata bil-blu fil-pjanta annessa (Dok A) u dan billi jaghti l-pussess lura lir-rikorrenti

minghajr xkiel.

3. Fin-nuqqas li l-intimat jaghmel dak li jigi ordnat lilu fiz-zmien moghti, allura r-rikorrenti jkunu minn issa awtorizzati li jaghmlu dak kollu rikjest biex jiehdu pussess tal-art *de quo*, u dan a spejjez tal-intimat stess u taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lir-rikorrenti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Frar 2015.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Frar 2015 mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Ian Spiteri Bailey ghall-atturi, prezenti l-attrici. Il-konvenut Francis Agius imsejjah tliet darbiet baqa' ma deherx. Il-Qorti innotat li l-konvenut Francis Agius, ghalkemm gie notifikat personalment bir-rikors u bid-digriet tal-appuntament tal-kawza, baqa' ma pprezentax risposta guramentata. Xehdet bil-gurament taghha l-attrici Rita Borg, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Spiteri Bailey iddikjara li m'ghandux aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' April 2015 fid-9:30a.m. b'dan illi l-intimat inghata l-fakolta` li jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet fi zmien gimgha minn dan id-digriet, bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu gimgha biex iwiegeb

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija azzjoni ta' spoll klandestin li permezz tal-istess l-atturi qed jitolbu li jigu reintegrati fit-tgawdija taghhom billi l-konvenut jigi kkundannat irodd lura l-pussess ta' porzjoni art/raba' maghrufa bhala *tal-Ponta*, bejn Ta' Hmis u Ta' Ras il-Wied, fil-konfini tal-Gudja, kif delineata fuq pjanta annessa mar-Rikors Guramentat u mmarkata **Dok.A.**

Illi jirrizulta mill-riferta *a tergo* ta' fol 13 tal-process li l-intimat hu kontumaci kif ukoll li ma pprezenta l-ebda nota ta' sottomissjonijiet kif gie lilu koncess skont il-verbal ta' din il-Qorti fis-seduta tat-12 ta' Frar 2015.

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti. L-attrici tippossjedi l-porzjoni tal-ghalqa deskritta fir-rikors promotur. Fl-ahhar ta' Novembru 2014 l-intimat qabad u dahal fl-ghalqa u, minghajr il-kunsens tal-attrici, harat u zera r-raba'.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt.**

Ikkonsidrat qabel xejn li ghalkemm il-konvenut hu kontumaci dan ma jfissirx li r-rikorrenti m'ghandhomx jipprovaw il-kaz taghhom. "*Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni*" (**"Charles Saliba vs Salvu Borg"** – Appell 27-6-1997) u "*skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f' certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabbilixxi l-verita` tal-fatti*" (**"Ruth Apap vs Noel Apap"** – P.A. FDP 30-6-1995).

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* tal-**Artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi skont l-istess artikolu, u a bazi ta' gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-elementi vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti:-

(i) *Possedisse*

(ii) *Spoliatum fuisse*

(iii) *Infra bimestre deduxisse*

Illi dan gie rilevat f'diversi sentenzi fosthom **Margherita Fenech vs Pawla Zammit** (12-4-1958, vol. XLII D.11. 973); **Caterina armla Galea vs Joseph Vella** (23-6-1965 per Onor. Dr. Edoardo Magri) u f' **Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef** (30-4-1991 PA).

Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti jirrizulta li *"din l-azzjoni ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra dik li tistabbilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll..stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna".* (**"Carlo sive Charles Cardona *et vs* Francesco Tabone" -** A.C. 9 ta' Marzu 1992).

Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi *"din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija intiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk*

*biss - kif jghid bl-iktar mod car l-**artikolu 791 (1), Kapitolu 12**, li sfortunatament jigi hafna drabi injorat".*

Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u *"de facto"*, u hija izzejjed il-mera detenzjoni, u ma hemmx bzonn ta' prova ta' titlu - **Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier -** (A.C. 12 ta' Dicembru 1952). Tali pussess izda m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt - **Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna** - (P.A. 21 ta' Frar 1983); u mhux rikjest il-prova tal-legittimita` tal-pussess tal-persuna turbata - **Saverio Farrugia vs Eugenio Borg (**P.A. 31 ta' Marzu 1952).

Illi dan kollu jistabbilixxi l-azzjoni tal-ispoll bhala azzjoni intiza ghaz-zamma tal-ordni pubbliku u ghar-*rule of law* -**Giuseppe Muscat vs Assunta Farrugia** - (A.C. 24 ta' Novembru 1957).

Illi l-attrici Rita Borg, li tippossjedi l-ghalqa in kwistjoni, strahet fuq ir-rikors guramentat minn fejn jirrizulta li kkonfermat bil-gurament taghha il-fatt tal-pussess taghha, il-possediment vjolenti tal-intimat, u li l-att spoljattiv sehh fl-ahhar gimgha ta' Novembru 2014 (*infra bimestre deduxisse)*.

Illi din il-kawza giet ipprezentata fid-19 ta' Dicembru 2014 u ghalhekk jirrizulta wkoll li l-perjodu ta' xaharejn kien ghadu ghaddej. Dan hu kkorroborat b'rapport li sar mill-istess Rita Borg u minn ohtha Rosaria Bartolo mal-Pulizija Ezekuttiva ta' Malta fl-4 ta' Dicembru 2014 fejn irrapportaw li l-intimat kien instab jahrat l-ghalqa in kwistjoni.

Illi ghalhekk jinkonkorru t-tlett elementi kostituttivi ta' din l-azzjoni li timmerita li tigi akkolta.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa' t-talbiet kollha attrici skont dan li gej:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara illi l-agir tal-intimat kif hawn fuq spjegat jikkostitwixxi spoll klandestin ghad-dannu tar-rikorrenti *ai termini* ta' l-Artikolu 535 et seq tal-Kodici Civili;

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien perentorju ta' xahar millum huwa jerga' jirrientegra lir-rikorrenti fil-pussess shih tal-bicca art indikata u mmarkata bil-blu fil-pjanta annessa mar-rikors Guramentat (**Dok A)** u dan billi jaghti l-pussess lura lir-rikorrenti minghajr xkiel.

3. **Tilqa'** t-tielet talba u fin-nuqqas li l-intimat jaghmel dak li jigi ordnat lilu fiz-zmien moghti, allura r-rikorrenti huma minn issa awtorizzati li jaghmlu dak kollu mehtieg biex jiehdu pussess tal-art *de quo*, a spejjes tal-intimat stess.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------